2024/2911

19.11.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2911

tal-5 ta' Novembru 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward ta' metodu wieħed ta' analiżi u tal-istandard kummerċjali tal-IOC għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (il-"Ftehim") ġie konkluż f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 [1].

(2) Skont l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (il-"Kunsill tal-Membri") għandu jieħu deċiżjonijiet u jadotta rakkomandazzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

(3) Matul il-120 sessjoni tiegħu, li ser issir f'Novembru 2024, il-Kunsill tal-Membri għandu jadotta deċiżjoni li tirrevedi l-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ, kif ukoll deċiżjoni biex jiġi rivedut il-metodu ta' determinazzjoni tal-kontenut tax-xama' u tal-etilesteri tal-aċidi grassi permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari.

(4) Id-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati fil-120 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri ġew diskussi b'mod estensiv mill-esperti xjentifiċi u tekniċi fil-qasam taż-żejt taż-żebbuġa tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Dawk id-deċiżjonijiet ser jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards għaż-żjut taż-żebbuġa u ser jistabbilixxu qafas li ser jiżgura l-kompetizzjoni ġusta fil-kummerċ tal-prodotti tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet.

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri, peress li d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati ser ikollhom effetti legali fuq l-Unjoni fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali mal-membri l-oħra tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC, International Olive Council) u jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

(6) Fil-każ li l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet fil-120 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri tiġi posposta minħabba li ċerti Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jagħtu l-approvazzjoni tagħhom, il-pożizzjoni stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li titħieħed f'isem l-Unjoni fil-qafas ta' proċedura possibbli għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza skont l-Artikolu 10(6) tal-Ftehim, dment li tali proċedura tinbeda qabel l-ewwel sessjoni regolari tal-Kunsill tal-Membri f'Ġunju 2025.

(7) Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli għar-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri li jaqblu dwar adattamenti tekniċi għal metodi jew dokumenti oħra tal-IOC mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jekk dawk l-adattamenti tekniċi jirriżultaw minn emendi relatati mar-reviżjoni tal-istandard kummerċjali taż-żjut taż-żebbuġa u ż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ jew tal-metodu għad-determinazzjoni tal-kontenut tax-xama' u l-esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari.

(8) Sabiex jitħarsu l-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ, madankollu, li r-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri jkunu jistgħu jitolbu l-posponiment tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet għal sessjoni aktar tard tal-Kunsill tal-Membri jekk il-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni x'aktarx tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel jew matul il-120 sessjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/848/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) waqt il-120 sessjoni tiegħu, li ser issir f'Novembru 2024, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza mibdi qabel is-sessjoni regolari li jmiss f'Ġunju tal-2025 dwar id-deċiżjoni li tirrevedi l-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ kif ukoll dwar id-deċiżjoni biex jiġi rivedut il-metodu għad-determinazzjoni tal-kontenut tax-xama' u tal-etilesteri tal-aċidi grassi permezz tal-kromatografija b'faži gassuża f'kolonna kapillari, hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri tal-IOC jistgħu jaqblu dwar adattamenti tekniċi għal metodi jew dokumenti oħra tal-IOC (il-"Kunsill tal-Membri") mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jekk dawk l-adattamenti tekniċi jirriżultaw minn emendi relatati mar-reviżjoni tal-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ jew tal-metodu għad-determinazzjoni tal-kontenut tax-xama' u tal-etilesteri tal-aċidi grassi permezz tal-kromatografija b'faži gassuża f'kolonna kapillari.

Artikolu 3

Fil-każ li l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 x'aktarx tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel jew matul il-120 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri, ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom jitolbu li l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jirrevedu l-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ u l-metodu għad-determinazzjoni tal-kontenut ta' xama' u etilesteri tal-aċidi grassi bil-kromatografija b'faži gassuża f'kolonna kapillari tiġi posposta sakemm il-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi stabbilita abbażi ta' dik l-informazzjoni ġdida.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

VARGA M.

ANNESS

L-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa l-emendi li ġejjin għall-istandard kummerċjali tal-IOC u għall-metodi tal-analiżi fil-120 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri tal-IOC li ser issir f'Novembru 2024, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza mibdi qabel is-seduta regolari tiegħu li jmiss f'Ġunju 2025:

— ir-reviżjoni tal-istandard tal-kummerċ għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut residwi taż-żebbuġ COI/T.15/NC Nru 3, billi tbiddel l-għadd ta' reviżjonijiet tal-metodu għall-valutazzjoni organolettika taż-żjut verġni taż-żebbuġa u l-metodu tad-determinazzjoni tal-kontenut tax-xama' u tal-etilesteri tal-aċidi grassi b'kromatografija b'faži gassuża f'kolonna kapillari,

— ir-reviżjoni tal-metodu COI/T.20/Doc. Nru 28/Rev. 3 (Determinazzjoni tal-kontenut tax-xama' u tal-etilesteri tal-aċidi grassi b'kromatografija b'faži gassuża f'kolonna kapillari).

Adattamenti tekniċi għal metodi jew dokumenti oħra tal-IOC jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri tal-IOC mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jekk jirriżultaw mill-emendi msemmija fl-ewwel paragrafu.